**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 05/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 22 ta' Mejju 2023 |
| **Ħin:** | 4:46pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Sal-5:15pm)
Joan Agius - Viċi-Sindku
Raymond Caruana - Kunsillier (Assenti)
Roderick Caruana - Kunsillier (Assenti)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

- **05.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
- **05.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
- **05.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
- **05.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
- **05.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
- **05.06** **Quarterly Financial Statements;**
- **05.07** **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;**
- **05.08** **Tenders;**
- **05.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
- **05.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
- **05.11** **Mozzjonijiet; u**
- **05.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**05. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq imejl ta' apoloġiji mingħand Abela minħabba appuntament personali. | |

**05. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Baldacchino<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 04/23 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 05. 2. 1 | | Viċi-Sindku: Korsijiet | Il-Viċi-Sindku semmiet li ser jibdew il-korsijiet tal-ħjata u make-up. Il-ħlas ser isir il-kunsill bħal korsijiet l-oħra. | |
| 05. 2. 2 | | Dorcas - Korsijiet tas-sajf | Tinqata' li japplikaw biss sa 25 applikant. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**05. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 3 | 04.02.11 | Fenech: Ġemellaġ ma' Celano | Fenech qalet li bejn t-12 u l-14 ta' Mejju sar il-ftuħ tal-attivitajiet f'Celano li ser ifakkru t-800 sena anniversarju minn meta ċ-Ċelaniżi ġew eżiljati lejn Sqallija u Malta. Ġie organizzat kunċert u inawgurazzjoni ta' monument. Ġew milqugħa mill-komunita' ta' Celano fosthom is-Sindku Settimio Santilli. Apparti s-Sindku kien hemm mistiedna l-kunsilliera Fenech. Fenech għamlitha ċara li l-ġemellaġ li sar mal-Banda Beland ma kellux x'jaqsam mal-istedina li saru lilha u lis-Sindku. | Fenech / Sindku |
| 05. | 2 | 4 | 04.02.12 | Fenech: Tricycles | Fenech qalet li dwar dan ser ikun laqgħa ma' TM fit-12 ta' Ġunju. | Fenech / Sindku |
| 05. | 2 | 5 | 04.02.14 | Fenech: Book sale | Fenech qalet li din kien *Easter egg hunt* u saret ukoll *Archery Session* ilbieraħ sabiex jinġabru fondi għall-qtates abbandunati.<br>Qalet li hemm problema fid-Dar tal-Anzjani u qed jaraw kif jistgħu jgħinu fiha billi jippruvaw insewwuhom. | Fenech |
| 05. | 2 | 6 | 04.02.15 | Fenech: *Twinning Avola* | Fenech qalet li din kienet interessanti ħafna u laqgħuna tajjeb ħafna. Is-Sindku irringrazzjat lis-Sindku tal-lokal Rossana Cannata tal-ospitalita' u qalet li ddiskutew kif nistgħu naħdmu flimkien f'oqsma bħal turiżmu edukazzjoni u kultura. | Fenech |
| 05. | 2 | 7 | 04.03.02 | Fenech: Twinning ma' Oborniki | Fenech qalet li bħala kunsill bagħtna imejl li nteressati li jsir il-ġemellaġ. Is-Sindku qalet ukoll li l-Ambaxxatur tal-Palestina għamel kuntatt mal-Ministeru tal-Kultura fejn wrew ix-xewqa li jsir ġemellaġ mal-kunsill tagħna. | Fenech |
| 05. | 2 | 8 | 04.05.02 | Fenech: Servizz ta' Wifi minn Tech.mt | Fenech qalet li dan ser jitwaqqaf u staqsiet dwar l-aħħar invoice li rċevejna. | Fenech |
| 05. | 2 | 9 | 04.07.05 | Fenech: Flyer | Fenech qalet li dan għadu fil-proċess. | Fenech |
| 05. | 2 | 10 | 04.07.06 | Fenech: Għoti tad-demm | Fenech qalet li din saret fis-Sala ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Fenech |
| 05. | 2 | 11 | 04.07.02 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li għad hemm l-applikazzjonijiet ta' Ġieh iż-Żejtun u l-Konkors letterarju. Qal li dan ser isir fis-6 ta' Lulju fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u kantanta mistiedna ser tkun Michela Galea. | Chircop |
| 05. | 2 | 12 | 04.07.04 | Chircop: Il-Manuċċa Ttir maż-Żmien | Chircop qal li din l-attivita' organizzata mir-Reġjun Nofsinhar saret fil-pjazza u kien hemm attendenza tajba ħafna. Ġeew ukoll imfakkra l-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku irringrazzjat lill-Skola Primarja A għal-ħidma tal-manuċċi. | Chircop |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 13 | 04.07.01 | Camilleri: Korsijiet | Camilleri qalet li ser jiftħu l-applikazzjonijiet u ser ikun hemm tmin studenti kull klassi sa massimu ta' 32 student f'erbgħa klassijiet. Dawn ser iħallsu €25 għan-noti. | Camilleri |
| 05. | 2 | 14 | 04.02.10 | Sindku: Grow TENtrees | Is-Sindku qalet li ser tagħmel kuntatt mas-Sur Ferriġġi. | Sindku |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/23. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | | Sindku: *Traffic Management* | Is-Sindku qalet li rridu natwaw hekk kif ġie approvat t-traffic management fit-toroq Salvu Cacciattolo u Ħaddara. | |
| 05 | 3 | 2 | 29 | Permess għal *hawker* | IS-Sindku qalet li rċevejna talba għall-permess fi Triq Ħal Tarxien. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan għandu jitlob permess mill-INDIS peress li fejn qed jindika hu jgħajjat lilhom. | |
| 05 | 3 | 3 | | Segretarju Eżekuttiv: Ħlas għal iskart taċ-ċimiterji | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-kunsill li ġejna mgħarrfa li l-ħlas għall-ġbir mill-istess kuntrattur preżenti ser ikun dak ta €183 fil-ġimgħa u jrid jitħallas mill-kunsill. Wara diskussjoni ma kinx hemm qbil dwar dan u ntalab li għandu jsir sforz sabiex jinstab kollettur ieħor b'inqas prezz hekk kif mitlub mir-Reġjun. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 4 | 24 | Permessi Festa Għaqda Banda Żejtun | Dwar din it-talba kien hemm qbil li n-nar tal-art għandu jintrama bejn it-Tnejn u l-Ħamis u sal-ġimgħa wara nofsinhar jinfetaħ l-aċċess għall-pjazza. | |

**05. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 4 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**05. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 5 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**05. 6. Quarterly Financial Statements;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 6. | 1 | | | Ma tressqux waqt din il-laqgħa peress li ma kinx baqa' ħin. | |

**05. 7. Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 7 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-*Financial Statements* bl-aġġustamenti hekk kif proposti mill-awdituri. Dawn ġew approvati b'mod unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 8. Tenders;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ma ġewx diskussi waqt din il-laqgħa. | |

**05. 9. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **05. 9. 1** | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li fid-29 ta' Lulju ser tittella l-play mill-4 Jays flimkien mal-Kids Club fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Is-Sindku żiedet li għandu jinħoloq kalendarju sabiex jitniżżlu dawn l-attivitajiet u nkunu ċerti li ma jinżammux attivitajiet differenti fl-istess ġranet. | |

**05. 10.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 10. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 10. 3 | | *Petty Cash* - April 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar t'April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €219.86. | Segretarju Eżekuttiv |

**05 11** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 11 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**05 12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit- 5:57pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |